# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' April, 2016

**Talba Nru:** 810/15 DMA

**Grezzju Patiniott**
**(ID. 953548M)**

**Vs**

**Joe Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2015 fejn l-attur talab illi l-konvenut ghandu jhallas lil attur s-somma bilancjali ta' seba' mitt ewro (€700) in lenia ta' parti minn spejjez ta' Cruise fil-Mediterran imhallsa mill-attur ghall-beneficcju tal-konvenut. [1]

Il-konvenut wara li gie debitament notifikat pprezenta risposta fil-15 ta' Ottubru, 2015 li fiha kontro talba fejn intalab illi t-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma ta' seba' mitt ewro (€700) ta' parti mill-ispejjez ta' cruise fil-mediterran hija bla ebda fundament

[1] U b'digriet tat-Tribunal tal-20 ta' Ottubru, 2015 giet akkordata korrezzjoni fis-sens li minflokk il-kliem 'imhallas mill-attur ghall-beneficju tal-konvenut' jidhlu l-kliem, ' imhallsa lil attur u utilizzat mill-konvenut.'

legali: Il-biljett ghall-cruise kien originarjament intestate ll certa Jelyn Cantong, il-habiba ta' l-attur, u meta dina ma setghatx takkompanjah huwa stieden lill-esponent biex imur mieghu flokk jintilef il-biljett u ane tieghu ghax ma kienx lest li jmur wahdu. L-esponent ghalhekk akkumpanjah fuq insistenza ta' l-attur u b'assigurazzjoni li ma kien qed jippretendi xejn.

L-esponent lanqas biss kellu passaport validu u sforz l-insistenza ta' l-attur huwa mar jaghmel passaport malajr u gabru xi gurnata qabel telqu.

L-esponent pattielu dan il-pjacier b'affarijiet ohra fosthom b'self 'brevi manu' ta' tlett mitt ewro (€300) li l-esponent baghthom, tramite l-World Remit, lil Jelyn Catong skond l-istruzzjonijiet li tah l-attur.

L-attur kellu jirrifondi dawn it- tlett mitt ewro (€300) izda baqa' nadempjenti, u ghalhekk l-esponent kellu jipprezenta dina l-kontro-talba halli l-attur jigi kkundannat ihallsu l-imsemmija somma ta' tlett mitt ewro (€300).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tas-self.

L-attur ipprezenta risposta ghal din il-kontro-talba u eccepixxa illi l-pretensjonijiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz huwa pacut abbiment ma parti min dak li kien dovut lill-attur mill-konvenut rikonvenut.

Il-partijiet xehdu personalment kif ukoll resqu x-xhieda li deherilhom illi kienu relevant ghal kaz.

Madanakollu fl-opinjoni tat-Tribunal ma giex ippruvat mill-attur illi verament kien hemm ftehim verbali jew bil-miktub illi l-konvenut kellu jhallas xi ammont ghal dan il-vjagg. Jekk dan kien il-ghan l-attur dan ma ghamel xejn biex jissalvagwarda din ix-xewqa tieghu li jithallas u ma ghandu ebda prova li l-konvenut accetta li jhallas xi haga.

Min-naha tieghu il-konvenut meta talab it-tlett mitt ewro (€300) ma gabx prova li kien hemm ftehim illi dan kien ser jithallsu lura lilu mill-attur.

Min dak illi semgha it-Tribunal ihoss illi kull amonti li nhargu miz-zewg partijiet ghandhom jibqghu sofferti mill-istess zewg partijiet minghajr refuzjoni.

It-Tribunal ghandu jaqta u jiddeci billi jichad it-talba attrici, jichad ukoll il-kontro talba.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**